MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1026/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-
nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-
numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780 u
Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Martin Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm551.27c (hames mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut bil-vettura GAQ 392 qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn is-sewwieqa tal-vettura NMS 481 qalet:

"She was proceeding along Walter Ganado Street, Pembroke going to the direction of Ibrag, stopped on the lights and as turned green, emerged and proceed up the road. Suddenly she heard someone screeching the tyres, and vehicle no. GAQ 392 dashed into her car, and with the impact found herself on the other side of the road."

Il-konvenut qal:

"He stopped due lights were shows red in St. Andrews Road. As lights turned green, he drove as followed car no. NMS 481. At one time driver of car no. GAQ 392 attempted to make a U-Turn and collided into her vehicle."

Ra x-xhieda ta' PS 1113 Emanuel Aquilina fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' John Tabone li jahdem bhala *Claims Manager* ma' Rausi Insurance Agency Limited fejn jghid illi Rausi Insurance hallsu s-somma ta' Lm536.27c (hames mija u sitta u tletin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) lil Mizzi Autocare kif ukoll Lm12 (tnax-il lira Maltin) tas-survey.

Ra x-xhieda ta' Mario Cumbo li jahdem bhala *surveyor* ma' Rausi Insurance fejn jikkonferma s-survey u l-ispiza totali ta' Lm536.27c (hames mija u sitta u tletin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu).

Ra x-xhieda ta' Norma Saliba fejn tikkonferma li Rausi Insurance hallsu l-hsarat ta' dan l-incident. Tikkonferma wkoll li qalet fir-*Road Accident Report*. Saliba qalet li kellha l-intenzjoni li malli jaqleb fuq l-ahdar tikser ghal-

lemin. Hi stenniet il-*lights* u malli daru fuq l-ahdar kisret fuq il-lemin. Malli kisret, il-konvenut dahal go fiha. Norma Saliba qalet li kif telqu l-pulizija, l-konvenut waqqa' u kisser is-*sign* fuq is-*central strip*.

Saliba tghid li kienet fuq l-*outer lane* fejn hemm is-*central strip* u tghid ukoll li ma ratx lill-konvenut qabel l-incident.

Ra x-xhieda ta' Vincienne Attard li kienet passiggiera ma' Saliba fejn tikkonferma li qalet l-istess Norma Saliba.

Ra x-xhieda ta' Martin Sammut fejn jghid li kien gej min-naha ta' San Giljan sejjer fid-direzzjoni ta' St Andrews fuq il-*fast lane*. Jghid li ra li l-*lights* kienu hodor. Sammut jghid li ra wkoll il-vettura ta' Saliba li harget quddiemu mil-lemin tieghu jigifieri minn Pembroke u marret fis-*slow lane*. Jghid li hekk kif kien ser jaqbez il-Polo ta' Saliba giet fuq il-*lane* tieghu.

Fil-kontro-ezami l-konvenut jghid li l-Polo harget xi ghaxra jew hmistax-il sekonda qablu. Jghid li meta kien ghadu fejn is-Sunrise ra li l-*lights* qalbu minn orange ghall-ahdar.

Meta l-konvenut gie mistoqsi sabiex jispjega kif irnexxielu jilhaq il-vettura li harget ghaxra/hmistax-il sekonda qablu meta kien ghadu mitejn metru 'l boghod minnha, jirrispondi li kien ghajjien mix-xoghol u ma setax jghid jekk kienx hemm ghaxra jew hmistax-il sekonda. Jaqbel ma' l-iskizz.

L-attrici kellha hsara fir-*rear right door* filwaqt li l-konvenut kellu hsara fil-*front mudguard* u *bumper*. Fuq l-iskizz dawn il-hsarat gew immarkati fuq il-*front left corner*. Illi fis-survey li sar minn Rausi Insurance (Mario Cumbo) jirrizulta li Saliba kellha wkoll hsara fir-*rear bumper* (Ara fol 21 tal-process).

Kienet Saliba li riedet iddur lejn il-lemin u kellha tassigura li setghet taghmel din il-manuvra bla hsara. Illi dan it-Tribunal mhux konvint li Saliba kienet fuq l-*outer lane* qabel il-habta u ghalhekk ma jistax jikkonkludi li gie ppruvat li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi kieku Saliba

kienet fuq il-lemin il-hsara fil-karozza taghha kienet tkun fuq wara u mhux fuq il-genb.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------